MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Avviz Numru. 777/2001/1

**It-Tabib John Casaletto u martu Ruth Casaletto u b'digriet ta' l-1 ta' Ottubru 2002, qed jassumi l-atti Lawrence Theuma**

**Vs**

**Joseph Bezzina u martu Maria Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kondannati li jirrifondu lill-atturi s-somma ta' tlett elef lira maltin (Lm3000) mhallsa lill-konvenuti fuq konvenju (Dok A) li sar bejniethom quddiem in-Nutar Dr Carmel Mangion fis-27 ta' Novembru 2000, liema somma giet imhallsa lill-konvenuti bhala depositu akkont tal-prezz tal-bejgh tal-ispizerija 'Sonrem" Triq iz-Zejtun, Tarxien, liema konvenju sad-data tal-avviz skada definittivament.

Bl-interessi mid-data tal-konvenju u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Gunju 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie prezentat mal-avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 12 tal-atti) u li biha eccipew bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra l-istess atturi peress illi kull depositu li jigi mhallas fuq konvenju jew hlas anticipatament moghti in konsiderazzjoni tal-konkluzjoni ta' kuntratt huwa kunsidrat bhala kawtela ghar-risarciment ta' danni f'kaz ta' inadempiment fil-konkluzzjoni tal-kuntratt. Fil-mument li l-atturi naqsu li jadempixxu l-obbligazzjoni li huma dahlu ghaliha fil-konvenju minnhom iffirmat anke wara li gew debitament interpallati sabiex jaghmlu dan, ikkawzaw dannu lill-konvenuti, dannu li huwa risarcibbli bl-ammont depozitat in kawtela.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali in-noti ta' sottomissjonijiet sottomessi mill-partijiet (fol 96 u fol 102 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-fatti in esami, kif risultanti mill-provi huma s-segwenti-:

Permezz ta' konvenju validu ghal sitt xhur esebit in atti mal-avviz in esami a fol 2 et seq ibid u datat is-27 ta' Novembru 2000, l-atturi kienu obbligaw ruhhom li jixtru minghand il-konvenuti li da parti taghhom obbligaw ruhhom li jbieghu lill-atturi "… l-ispizerija licenzjata bla numru igib l-isem Sonrem fi Triq Zejtun go Hal Tarxien …" bil-pattijiet u kondizzjonijiet kif miftehma bejn l-istess partijiet u stipulati fl-istess konvenju. In rigward l-istess kondizzjonijiet ghandhom jigu notati s-segwenti. <u>Fil-paragrafu wiehed (1)</u>(fol 4 u fol 5 ibid) li jirreferi ghall-prezz li ghandu jithallas mill-kompraturi, jinghad testwalment "Mill-prezz globali l-kompratur(i) qed jhallas

(su) depositu u pagament akkont ta’ Lm3000 …” ossija l-ammont li qed jintalab fl-avviz in ezami bhala rifusjoni.

Fil-paragarafu sitta (6) (fol 7 ibid) jinghad testwalment ukoll “Dan il-konvenju hu suggett ghall-kondizzjoni li l-kompratur (i) jiehdu “loan” ta’ mhux anqas minn Lm49300 biex jixtru dan il-fond u jintrabtu li jaghtu risposta dwar dan sa mhux aktar tard mill-(mit-)28 ta’ Jannar 2001”. Sussegwentement kif risultanti mix-xhieda tal-atturi (fol 20 fol 29 u fol 63 et seq ibid) kif konfermata minn Edwin Buhagiar, in rapprezentanza tal-Bank involut l-atturi kienu inghataw tali facilita fl-17 ta’ Jannar 2001 permezz ta’ ‘sanction letter’ esebita mal-atti a fol 22 u fol 42 et seq ibid. Pero’, sussegwentement, l-istess facilita giet irtirata mill-Bank involut (ara kopja tal-ittra bid-data tat-28 ta’ Mejju 2001 a fol 25 u fol 44 ibid minhabba li l-istess Bank kien inghata l-parir “… that persuant to section 9 of the Medical and Kindred Professions Ordinance (Chapter 31 of the Laws of Malta) the Bank would not be in position to allow utilisation of loan facility”. Fi kliem l-istess xhud (fol 39 ibid) ‘Ipprevalixxejt ruhi mis-‘sanction letter’ paragrafu (e). Minhabba li seta’ kien hemm dan il-fonflitt ta’ interess tant li (il-) kaz kien jitratta tabib fix-xiri ta’ spizerija giet irtirata l-facilita’ gia moghtija lill-attur”. Bhala konsegwenza l-atturi ma xtrawx l-ispizerija in kwistjoni, ghar-raguni premessa u b’hekk kwistjoni, ghar-raguni premessa u b’hekk qed jitolbu r-rifussjoni tas-somma imsemija fl-avviz u ghar-raguni premessa fih. Da parti taghhom il-konvenuti qed jirrifjutaw li jirrifondu l-istess somma.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut meta xehed (fol 7 et seq) ikkonferma illi n-Nutar kien qara l-konvenju imsemmi, fil-prezenza tieghu izda qed ukoll ‘Dwar it-tlett elef lira Maltin (Lm3000) in kwistjoni, ma nafx x’hemm imnizzel fil-konvenju” u “sa fejn naf jien qatt hadd ma qalli li dawn …… kienu akkont tal-prezz”. Hawnhekk ta’ minn jghid, ukoll, illi l-konvenuti kienu , eventwalment, bieghu l-istess spizerija lil terza persuni bil-prezz ta’ Lm58,000 (ara fol 81 u fol 91 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi l-aktar rilevanti ghal dan il-kaz u kif hawn fuq esposti jidher li:-

a) Kif di gja citat, fil-konvenju jissemma li t-Lm3000 in kwistjoni kienu thallsu mill-atturi lill-konvenuti bhala deposittu akkont tal-prezz globali u bl-ebda mod ma hemm msemmija l-kelma "kappara" peritenzjali. Konsegwentement, ma hux applikabbli l-artikolu 1359 tal-Kodici Civili li jirregola konvenji maghmulin b'kapparra ('earnest').
b) Ghandu jigi sottolineat illi irrisulta pruvat bhala fatt cert, illi l-konvenju in esami ma sehhx ghar-raguni biss di gja specifikata hawn fuq. Hawnhekk qed issir referenza ghall-fatt illi l-Bank involut, wara li inharget is-'sanction letter' relattiva u l-atturi kienu nghataw il-facilita bankarja rikjesta kien irtira sussegwentemnet l-istess facilita minhabba l-konflitt hawn fuq imsemmi. Certament, dan ma kienx risultat ta' xi nuqqas da parti tal-atturi li ghamlu dak kollu possibbli sabiex jottjenu din il-facilita' bankarja u bl-ebda mod ma' jistghu jigu konsiderati li kienu 'in malafede'.
c) Jirrisulta ukoll mill-istess provi illi il-vendituri ma uzawx il-procedura rikjesta mill-ligi fl-artikolu 1357(2) tal-istess Kodici u effettivament u bhala fatt hallew li l-konvenju in kwistjoni jiskadi in konnessjoni mat-terminu miftiehem bejn il-partijiet. Bhala konsegwenza l-posizzjoni guridika tal-partijiet irrevertiet ghal dik li kienet qabel ma gie mifthiehem u ffirmat l-istess konvenju.
d) Minhabba dak premess, il-Qorti ma tistax taccetta dak sottomess mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom msemmija peress li fil-fehma tal-Qorti bl-ebda mod ma "…. Irnexxilhom juru u jipprovaw n-natura penitenzjali tad-depositu moghti".

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhalsu lill-atturi s-somma

ta’ Lm3000 bl-imghax legali mis-7 ta’ Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali tas-26 ta’ Gunju 2001, u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tas-7 ta’ Settembru 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------